MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2015

Numru. 1208/2008

**Il-Pulizija**

**(Spettur Fabian Fleri)**

**(Spettur Elton Taliana)**

**vs**

**Brian Pace**

**Kumpilazzjoni Numru: 1208/2008**

**Il-Qorti**

Rat l-akkuzat kontra Brian Pace, ta' 30 sena, iben Saviour u Miriam nee' Agius, imwieled Pieta', nhar is-7 ta' Awwissu, 1978 u residenti fil-fond Block E, Flat 4, Triq Guze Ellul Mercer, Swatar, limita ta' Msida u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 377378(M).

Akkuzat talli b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u liema atti gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda

1.Talli fit-3 ta' Novembru, 2008 ghall-habta ta' 11:30am minn Triq Mro.Giuseppe Camilleri, Birkirkara ikkommetta serq ta' vettura tal-ghamla Peugeot bin-numru tar-registrazzjoni GBC934 ghad-dannu ta' Jesmond Tonna liema serq jeccedi l-2,329.37 Ewro (elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin Ewro centezmu), u ikkwalifikat bil-valur u x-xorta tal-haga misruqa.

2. u aktar talli bejn is-7 ta' Settembru, u s-16 ta' Novembru, 2008, ikkommetta serq ta' flus u diversi oggetti mill-fond bin-numru 13, Sqaq San Vincenz, Zabbar, liema serq huwa aggravat bil-valur li jeccedi l-2,329.37 Ewro (elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin Ewro centezmu), bil-mezz u bil-lok ghad-dannu ta' Carmel Borg minn Zabbar; u aktar talli

3. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi gewwa Zabbar u gewwa dawn il-gzejjer, ikkommetta serq ta' mutur tal-ghamla Honda bin-numru tar-registrazzjoni FAA556 ghad-dannu ta' Carmel Borg minn Zabbar liema serq hu ikkwalifikat bil-valur u x-xorta tal-haga misruqa; u aktar talli

4. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi gewwa Zabbar u gewwa dawn il-gzejjer, appropja ruhu, minn vettura tal-ghamla Mercedes bin-numru tar-registrazzjoni FBQ 516 billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor, li giet fdata jew ikkunsinata lilhu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir minnha uzu specifikat; u aktar talli

5. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi gewwa Zabbar u gewwa dawn il-gzejjer, appropja ruhu mis-somma ta' 410 Euros billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor, li giet fdata jew ikkunsinata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir minnha uzu specifikat; u aktar talli

6. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi gewwa Zabbar u gewwa dawn il-gzejjer, ikkommetta serq ta' cheques propjeta ta' Carmel Borg u/jew id-dipartiment tas-sigurta socjali liema serq huwa aggravat bil-mezz; u aktar talli

7. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, b'ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex gieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji jew sabiex iqanqal tama' jew biza' ta' xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' 437.64 Euros (erbgha mija u sebgha u tletin Ewro u erbgha u sittin Ewro centezmu) ghad-dannu ta' Carmel Borg u/jew id-Dipartiment tas-Sigurta Socjali u/jew persuni ohra; u aktar talli

8. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi gewwa Zabbar u gewwa dawn il-gzejjer, kien fil-pussess jew laqa' jew xtara hwejjeg mehuda b'qerq jew akkwistati b'qerq jew xjentement b'kull mod indahal biex jbieghhom jew imexxihom.

9. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-provedimenti ta' probation order moghtija fil-konfront tieghu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. A.Vella LL.D datata 8 ta' Marzu, 2007 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

10. Talli fl-istess data, lok u cirkostanzi rrenda ruhu recidiv u dan ai terminu tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti, giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti, giet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384, u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Il-Qorti, giet wkoll mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidhrilha xierqa.

Rat in-nota ta'l-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub f'l-artikoli:

a) 18, 261(c)(g), 267, 271(g), 279(b) u 280(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b) 18, 261(b)(c)(e), 263(a), 264, 265, 267, 269(g), 278(1)(2)(3), 279(b) u 280(1)(2) u 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c) 18, 261(c)(g), 267, 271(g), 279(a) u 280(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d) 293 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

e) 18, 293, 310(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
f) 18, 261(b), 263, 264, 265 u 278(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
g) 18, 308, 309 u 310(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
h) 18 u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
i) 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
j) 383, 384, 385 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
k) 17, 18, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jitkompla bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dan il-kaz jirrigwarda kaz ta’ serq ta’ vettura, van ta’ tip Peugoet Partner b’ numru ta’ registrazzjoni GBC 934 li sehh nhar it-3 ta’ Novembru 2008 a dannu ta’ certu Jesmond Tonna (l-ewwel imputazzjoni), u sensiela ta’ reati li sehhew bejn is-7 ta’ Settembru 2008 u s-16 ta’ Novembru 2008 a dannu ta’ certu Carmelo Borg (it-tieni sat-tmien imputazzjoni).

Ikkunisdrat

Illi permezz ta’l-ewwel imputazzjoni l-imputat qed jigi addebietat bir-reat ta’ serq aggravat bil-valur u x-xorta tal-haga misruqa.

Illi jirrizulta ampjament li nhar it-3 ta' Novembru 2008 ghall-habta tal-hdax u nofs ta' fil-ghodu nsterqet vettura (van) ta' tip Peugeot b'numru ta' registrazzjoni GBC934 li hija propjeta ta' certu Jesmond Tonna propjetarju tal-hanut jismu Sweet Tooth. Dak in-nhar gara li l-lavrant ta' Tonna, Joseph Mifsud, kellu bzonn imur mill-hanut sal-mahzen taghhom li qieghed xi zewg toroq 'l boghod; ghalhekk huwa mar bil-van. Meta wasal hdejn il-mahzen huwa pparkja l-van ftit 'l boghod mill-mahzen pero halla l-van miftuh; ic-cewievt hadhom ghaliex f'l-istess keychain kellu ukoll ic-cwievet tal-mahzen. Huwa fetah il-bieb tal-mahzen u halla c-cwievet fis-serratura, dahal fil-mahzen, hemm ghamel dak li kellu jaghmel u hareg. Meta hareg mill-mahzen irrealizza li c-cwievet ma kienux fis-serratura u l-van ma kienx qieghed fejn hallih. Huwa vverifika ma'l-imghallem tieghu, Jesmond Tonna, jekk kienx ha il-van hu, pero dan irrisponda fin-negattiv ghalhekk huma ikkonkludew li l-van kien insteraq. Raw il-filmati rikordjati fic-CCTV taghhom u anke dawk ta' bank li hemm fil-vicinanzi (filmati li gew esebieti); f'dawn il-filmati, ghalkemm jidhru diversi persuni u anke vetturi, il-persuna li hadet il-van ma tidhirx. Ghandu jinghad li ftit qabel li naqas il-van, Tonna nnota vettura tieghu diversi drabi f'l-akkwati tal-hanut; din fil-fatt tidher fil-filmati esebieti. Ftit aktar tard dak in-nhar stess Tonna ra, ipparkjata fil-vicinanzi tal-hanut tieghu, il-vettura li kien ra ddur madwar qabel ghalhekk informa lill-pulizija. Irrizulta li din kienet il-vettura ta'l-imputat. Fit-18 ta' Gunju 2009 il-van ta' Jesmond Tonna instabet mitluqa f' Marsacala.

Illi l-imputat irrilaxxja zewg stqarrijiet fil-kors ta'l-investigazzjoni mizmuma[1] u anke ta d-depozizzjoni tieghu quddiem din il-Qorti. Mistoqsi fuq dan l-episodju l-imputat, li dak iz-zmien kien jghix vicin tal-hanut Sweet Tooth, jinnega li huwa kellu x'jaqsam mas-serq tal-van. Huwa jammetti li kien qed idur bil-vettura tieghu f'l-istess hin u post minn fejn insteraq il-van u li ghal xi hin mieghu kien hemm certu Ludvic, pero l-imputat jibqa jinnega li huwa kellu x'jaqsam mas-serq tal-van.

[1] F'wahda minnhom kien gie mistoqsi dwar is-serq ta' din il-vettura u f'l-ohra kien gie mistoqsi dwar fatti relatai ma'l-imputazzjonijiet l-ohra.

Illi huwa a bazi ta' dawn il-provi li l-prosekuzzjoni qed issostni l-kaz taghha fil-konfront ta' l-imputat fir-rigward ta' din l-ewwel imputazzjoni.

Illi huwa risaput li biex persuna tinstab hatja ta' xi reat l-prosekuzzjoni trid tipprova 'l hemm minn dubbju dettat mir-raguni li kienet propja dik il-persuna li wettqet dak ir-reat.

Illi skond il-Qorti ta' l-Appell Kriminali dan ifisser li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubbju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis c-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-prosekuzzjoni[2]. L-istess Qorti ta'l-Appell Kriminali ccitat bran minn Lord Denning:

> *Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence: 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but* ***nothing short of that will suffice***[3]. [4]

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti l-fatt wahdu li l-imputat gie notat, diversi drabi, fil-vettura tieghu fil-post u fil-hin meta nsterqet il-vettura ta' Jesmond Tonna mhux prova sufficjenti biex jinghad li l-prosekuzzjoni lahqet il-grad ta' prova rikjest mill-Ligi, partikolarment meta wiehed iqis li dan il-fatt huwa l-unika

---
2 Ref Pulizija vs Peter Ebejer 05.12 1997
3 Sottolinear ta' din il-Qorti.
4 Miller vs Minister of Pension' - 1974 - 2 ALL ER 372.

prova li tressqet in sostenn ta' din l-ewwel imputazzjoni, li dak iz-zmein l-imputat kien jghix f'dawk l-akwati, u anke tenut kont tal-hin tal-gurnata.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi l-imputat ma jistax jinstab hati ta'l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu.

Ikkunisdrat

Illi permezz tas-seba' imputazzjonijiet sussegwenti l-imputat qed jigi addebietat b'sensiela ta' reati allegatament kommessi bejn s-7 ta' Settembru 2008 u s-16 ta' Novembru 2008 a dannu ta' certu Carmelo Borg li f'dak il-perjodu kien detenut fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin.

Illi mid-depozizzjoni tieghu jirrizulta li dan Carmelo Borg gie arrestat mill-pulizija fit-12 ta' Settembru 2008 hekk kif kien hiereg mid-dar tieghu. Dak in-nhar stess il-pulizija ghamlu tfixxija (li ghaliha hu kien prezenti) fid-dar tieghu; fi kliem Borg il-pulizija "*fittxew pulzier pulzier*" u meta lestew it-tfixxija huwa ghalaq il-bieb. Minn dak in-nhar Borg baqa mizmum arrestat taht arrest preventiv sakemm gie kkundannat (dwar reati konnessi ma traffikar ta' droga) ghal perjodu ta' prigunerija; illum huwa skonta dik is-sentenza.

Illi Borg jispjega li ftit wara li huwa dahal il-habs l-imputat cempillu; peress li Borg kien prova jikkomunika ma' huh imma inutilment, huwa talab lill-imputat biex johodlu hsieb xi affarijiet. Borg jghid li l-imputat gie l-habs u huwa tah ic-cwievet tal-karrozza tieghu kif ukoll zewg debit cards tal-Bank of Valletta (cash link). Borg jghid li huwa qabbad lill-imputat biex imur jiehu l-karozza tieghu (Mercedes b'numru ta' registrazzjoni FBQ 516) mid-depot tal-pulizija fejn kienet ghada ipparkjata u jgibhilu l-habs u jerga' jaghtih ic-cwievet. F'dik l-istess okkazzjoni Borg tah id-debit cards biex jizbanka l-flus kollha li kellu depozitati u jgibhomlu l-habs. Borg kompla spjega li l-imputat

baqa’ qatt ma gabilhu l-Mercedes u spjega ukoll li fil-waqt li kellu tmien mitt Euro depozitati ghand il-Bank of Valletta l-imputat gablu biss erbgha mitt Euro.

Illi Borg kompla jispjega li eventwalment huwa ghamel kuntatt ma huh (John Borg) u talbu biex jiccekkja il-katnazz tar-residenza tieghu. Borg kien joqghod f’appartament formanti parti minn kerrejja. Hu kien jaqghlaq il-bieb ta’l-appartament tieghu (li kien jikkonsisti fi tlett ikmamar u kien fit-tieni sular) permezz ta’ katnazz. Apparentment kien hemm access liberu minn barra ghall-kerrejja. Skond Borg, huh mar jiccekkja il-katnazz pero deherlu li kien differenti minn dak li kien hemm qabel. Meta John Borg dahal fir-residenza ta’ huh Carmelo (u dejjem skond ma rrakkonta Carmelo Borg), fuq struzzjonijiet ta’ l-istess Carmelo, huwa fittex u ma sabx zewg laptops, DVD player, u television; lanqas ma sab mutur li Carmelo kien ihalli fil-komun tal-kerrejja. Ic-cwievet tal-mutur kien hallihom f’l-appartament.

Illi Carmelo Borg qal ukoll li huwa fir-residenza tieghu kellu €60,000 fi flus kontanti li kienu rikavat minn bejgh ta tlett xarabanks u li kien gibidhom ftit ftit mill-bank biex juzahom biex jixtri appartament f’Bugibba. Borg qed jallega li dawn il-flus seraqhom l-imputat ukoll.

Illi aktar minn hekk Carmelo Borg jghid li ftit qabel ma gie arrestat huwa kien ghamel l-arrangamenti biex jibda jiehu r-relief; l-ewwel cheque li ntbaghtlu hadu l-imputat, sarrfu u zamm il-flus ghalih. Wara huwa kien ghamel arrangamenti biex il-posta johodlu hsiebha gar tieghu b’istruzzjonijiet li c-cekkijiet tar-relief jghaddihom lil huh John.

Illi hu Carmelo Borg, John, xehed quddiem din il-Qorti. Huwa spjega li l-ewwel darba li kkomunika ma’ huh Joseph wara li dan dahal il-habs, qallu biex jaghmel rapport lill-pulizija minhabba li l-imputat ma kienx gablu l-Mercedes. John Borg kompla jispjega li fuq inkarigu ta’ huh ukoll huwa mar fir-residenza tieghu u sab li l-mutur, li Carmelo kien ihalli fil-komun, ma kienx hemm; sab li l-katnazzi li huh kien jaghlaq l-appartament tieghu ma kienux hemm u meta dahal f’l-appartament sab kollox imqalleb; it-television, DVD player u oggetti ohra li talbu huh ma kienux f’l-appartament; il-flus li skond huh kienu

mohbija taht cilindru tal-gas ma kienux hemm (u c-cilindru kien maqlub). John Borg spjega ukoll li ma kienx qed isib posta fil-letter box ta' huh ghalhekk sar arrangament ma' gar ta' Carmelo biex il-posta jigborha hu kull jum u mbaghad jghaddilhom.

Illi xehed certu John Bonnett. Dan ikkonferma li huwa kien xtara Mercedes (l-istess wahda ta' Carmelo Borg) minghand l-imputat bil-prezz ta' €250; huwa kien talab lill-imputat ghal-logbook pero qatt ma tahulu. Wara xi zmien kienu marru ghandu l-pulizija u nfurmawh li dik il-karozza kienet misruqa u fil-fatt haduha l-pulizija u eventwalment (fuq struzzjonijiet ta' Carmelo Borg) giet konsenjata lil John Borg.

Illi tressqu ukoll bhala xhieda xi persuni li jghixu f'l-istess kerejja fejn jghix Carmelo Borg: Rita Caruana u Carmelo Schembri.

Illi Rita Caruana tghid li xi gimghajtejn wara li Borg dahal il-habs hija semghet il-hsejjes f'l-appartament tieghu; hasbet li kien gie lura u marret tghidlu biex jaghlaq it-twieqi pero kien l-imputat li fetah biex ikellimha u mhux Borg; aktar tard dak in-nhar Caruana rat lill-imputat sejjer b'borza tal-plastic sewda mimlija f'idejh pero ma setghetx tara x'kien hemm fil-borza. Caruana kompliet tispjega li jumejn wara l-imputat rega' mar f'l-appartament ta' Borg u anke rat lill-imputat icaqlaq il-mutur ta' Borg. Hi kellmietu fuq dan il-mutur u hu qalla li kien ser jiehdu minn hemm. F'dik l-istess okkazzjoni Caruana rat lill-imputat jiftah il-letter box ta' Borg u jiehu xi posta inkluz enevlope li kien fih cheque. Akatr tard dak in-nhar Caruana innutat li l-mutur ma kienx ghadu f'l-intrata.

Illi Carmelo Schembri da parti tieghu ikkonferma li kien cempillu Carmelo Borg mill-habs u qallu biex jibda jigborlu l-posta u jghaddiha lil huh John. Schembri jghid ukoll li darba kien diehel u ra lill-imputat. Schembri qallu li m'ghandux ghaalfejn jigi ghax il-posta kien qed jiehu hsiebha hu pero l-

imputat qallu li kien cempillu Borg biex imur. Ghal dan id-diskors Schembri qal lill-imputat li ma jistax ikun ghax Borg kien inkariga lilu biex johodlu hsieb il-posta. In oltre Schembri jghid li darba l-letterbox ta’ Borg sabha sgassata u nnota ukoll li kienu inbidlu l-katnazzi tal-bieb ta’ l-appartament ta’ Borg, u li dwar dan informa lil hu Borg.

Illi minbarra dawn ix-xhieda taw id-depozizzjoni taghom ukoll l-Ispettur Fleri u l-Ispettur Taliana li taw rendikont ta’l-investigazzjoni imexxija mimhom u xehedu ukoll pulizija ohra involuti f’dan il-kaz. Minn dawn id-depozizzjonijiet jirrizulta li waqt tfixxija li saret fir-residenza ta’ l-imputat instabu d-DVD player u t-television ta’ Borg.

Illi f’l-istqarrija mehuda dwar l-imputazzjonijiet issa in ezami l-imputat ma rrisponda l-ebda mistoqsija pero huwa ghazel li jaghti d-depozizzjoni tieghu quddiem din l-Qorti.

Illi fid-depozizzjoni tieghu l-imputat jghid li l-mutur qieghed lura ghand sidu ghaliex Borg kien xtrah bid-dejn u baqa’ ma hallsux, pero ma jafx kif wasal ghandu. Dwar il-Mercedes jammetti li bieghha lil Bonnett minghajr il-permess ta’ Borg pero jghid li ghamel hekk ghaliex meta mar johodha mid-depot tal-pulizija issizjat. Dwar l-izbank tal-flus bil-cashlink l-imputat jghid li il-bank kien hemm €410, hu gibed dan l-ammont, fuq struzzjonijiet ta’ Borg zamm €100 u tah il-bilanc ta’ €310. Dwar ic-cekkijiet tar-relief jghid li huwa qatt ma ha cekkijiet ta’ Borg u wisq anqas sarraf xi wiehed minnhom. Dwar id-DVD player u l-monitor misjuba ghandu l-imputat jghid li huwa hadhom biex jaghtihom lil Borg il-habs pero fuq struzzjonijiet ta’ Borg l-ewwel kellu johodhom id-dar tieghu biex jippruvahom. Sa kemm pruvahom lahaq gie arrestat u ma kienx kellu ic-cans johodhom lil Borg. L-imputat jinnega ukoll li ha flus kontanti mid-dar ta’ Borg. Pace jammetti li huwa mar hames darbiet f’l-appartament ta’ Borg.

Illi ghandu jigi rilevat li l-imputat qal ukoll li dak li verament gara kien li Borg kien qallu biex igiblu droga (smack) li kienet mohbija f'l-appartament tieghu (cioe ta' Borg), L-arrangament kien li l-imputat igib din id-droga mid-dar ta' Borg u johodilu l-habs billi jwaddabhom minn Gaddafi Gardens; Pace mar ghad-droga (li kienet fil-washing machine[5]) u hadha il-habs pero beza' jwaddabha ghax kien hemm il-cameras u hadha hu. Pace kompla jispjega li r-rapporti u l-allegazzjonijiet kollha li ghamel Borg fuqu saru bhala reazzjoni ghall-fatt li hu ma hadlux id-droga il-habs imma zammha ghalih.

Illi dwar il-provi prodotti ghandu jigi rilevat li f'l-atti processwali hemm esebieta lista ta' telefonati li saru minn u lil Carmelo Borg mill-gurnata li gie arrestat sal-1 ta' Ottubru 2008 u hemm esebiet ukoll r-recording ta' dawn it-telefonati kif ukoll traskrizzjoni ta' dawn it-telefonati[6]. Pero ma ngiebet l-ebda prova dwar minn kienu l-persunni li kien qed jitkellem maghom Borg f'kull telefonata. Kull m'hemm indikat huwa in-numru li huwa cempel minghajr ebda indikazzjoni dwar ta' min hu dak in-numru. F'dawn ic-cirkostanzi dawn it-telefonati ma tantx jistghu jinghataw piz probatorju.

Ikkunisdrat

Illi permezz tat-tieni imputazzjoni migjuba kontra tieghu l-imputat qed jigi addebietat bis-serq (kwalifikat bil-mezz, valur u lok) mir-residenza ta' Carmelo Borg tas-somma ta' sittin elf Euro fi flus kontanti, television, tad-DVD player, moniter u laptop.

Illi Carmelo Borg jghid li huwa kellu sittin elf Euro id-dar, u li dawn insterqu mill-imputat meta dahal ghandu. Borg spjega dawk is-sittin elf Euro huma r-rikavat minn bejgh ta' tlett xarabanks u li originarjament kienu qeghdin l-bank

[5] F'dan ir-rigward u ai fini ta' kredibilita wiehed ghandu jzomm f'mohhu li meta Borg gie arrestat saret tfixxija fir-residenza tieghu mill-pulizija mill-iskwadra tad-drogi.
[6] It-traskrizzjoni hija biss ta' dak li jghid Carmelo Borg u ma turix ukoll dak li jkun qed jghid il-persuna l-ohra.

pero mbaghad beda jgibhom ftit ftit biex ikun jista' jixtri appartament f'Bugibba[7].

Illi ma ngiebet l-ebda prova tal-bejgh tax-xarabanks, lanqas ingibet prova dwar l-ezistenza ta' xi depozitu bankarju f'isem Carmelo Borg f'l-ammont ta' sittin elf Euro u s-sussegwenti zbank ta' dan l-ammont; wisq anqas ngabet xi prova ta' xi konvenju jew almenu ftehiem dwar l-akkwist da parti ta' Borg ta' xi appartament.

Illi ghandu jigi rilevat ukoll li Borg jasserixxi li dak in-nhar li huwa gie arrestat il-pulizija ghamlu tfixxija r-residenza tieghu "*pulzier pulzier*". Huwa plawzibbli hafna li meta gie arrestat, in konnessjoni ma' reati konnessi ma' traffikar ta' droga, saret tfixxija intensiva fir-residenza tieghu mill-pulizija; dak li mhux plawzibbli hu li f'dik ir-residenza kien hemm sittin elf Euro fi flus kontanti u wara tfixxija "*pulzier pulzier*" baqghu ma nstabux.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi fil-fehma tal-Qorti ma ngabitx prova sufficjenti li fir-residenza ta' Borg kien hemm sittin elf Euro u li dawn insterqu.

Illi dwar l-oggetti l-ohra li ghalihom tirreferi din it-tieni imputazzjoni l-Qorti hija konvinta li tista' taghti kredibililta lil Carmelo Borg. Dan mhux biss ghaliex dawn huma oggetti li wiehed normalment isib fid-dar imma fuq kollox ghaliex tnejn minn dawk l-oggetti instabu ghand l-imputat[8] u hu jammetti li hadhom minghand Borg. Fil-verita l-imputat jghid li hadhom biex jippruvahom qabel ma jaghtihom lil Borg il-habs pero l-Qorti assolutament mhiex konvinta li dik kienet ir-raguni, aktar u aktar meta ma jirrizultax li Borg talab lill-imputat biex johodlu dawn l-oggetti l-habs.

---

[7] Il-Qorti ma tantx tarax logika f'din l-asserzjoni; kien jaghmel aktar sens li Borg ihalli l-flus il-bank u fil-mument opportun jigbed jew jitrasferixxi l-ammont dovut ghall-appartament.

[8] U il-kaxxa ta' wiehed minnhom kient fid-dar ta' Borg.

Illi tenut kont ta' dan il-Qorti hija konvinta l-imputat ghandu jinstab hati ta' serq tad-DVD player, il-moniter, t-television u l-laptop.

Illi in oltre, fil-fehma tal-Qorti, l-aggravju tal-mezz huwa pruvat ukoll la darba l-imputat ma kellux ic-cwievet ta'l-appartament[9] u l-katnazzi li halla Borg mal-bieb tar-residenza gew mkissra. L-aggravju tal-lok huwa pruvat ukoll la darba is-serq sar mir-residenza ta' Borg.

Illi dwar l-aggravju tal-valur ma tressqet l-ebda prova dwar il-valur ta' l-oggetti fuq imsemmija, jew almenu kemm kien prezzhom meta inxtraw u kemm kienu ilhom li nxtraw ghalhekk ma jistax jigi stabbilit li kienu jiswew aktar minn €232.94.

Illi tenut kont tas-suepost t-tieni imputazzjoni tirrizulat pruvata in kwantu tirreferi ghal serq aggravat, bil-mezz u lok, ta'l-oggetti fuq imsemmija pero mhux tas-sittin elf Euro.

Ikkunisdrat

Illi peremzz tat-tielet imputazzjoni l-imputat qed jigi addebietat bis-serq, aggravat bil-valur u x-xorta tal-haga, tal-mutur propjeta ta' Carmelo Borg.

Illi dan il-mutur, li Carmelo Borg qal li xtrah bil-prezz ta' xi tlett elef lira Maltija, kien gie notat fil-komun tal-kerrejja fejn kien hallih Borg meta gie arrestat. Fil-fatt jirrizulta ukoll li Rita Caruana mhux rat lill-imputat hdejn il-mutur, imma rat lill-imputat icaqalqu. Aktar minn hekk Caruana tghid li, meta hi kellmitu fuq il-mutur u biex ma jixelux gewwa minhabba l-hsejjes, l-imputat

[9] Jirrizulta li mill-habs huwa nghata biss ic-cwievet tal-Mercedes.

qalla biex ma tinkwietax ghaliex kien ha jiehdu. Ftit tal-hin wara din il-konverzazzjoni Caruana ma ratux aktar il-mutur.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti hija konvinta li din it-tielet imputazzjoni hija sodisfacjentment pruvata.

Ikkunisdrat

Illi permezz tar-raba u l-hames imputazzjoni l-imputat qed jigi addebietat bir-reat ta' misappprojazzjoni tal-Mercedes u l-ammont ta' €410.

Illi dwar il-Mercedes m'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li l-istruzzjonijiet ta' Borg kienu biex il-karrozza tittiehed mid-depot ghal-parking tal-habs. Jirrizulta, ex admissis, li minflok ghamel hekk l-imputat ha din il-vettura u bieghha ghall-prezz ta' €250. Konsegwentement ir-raba imputazzjoni tirrizulta b'dan li ai fini ta' l-artikolu 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma ngabutx prova li l-valur tal-vettura in ezami kien jeccedi l-mitejn u hamsin Euro ghalhekk ghandu japplika dak li kien jipprovdi l-istess artikolu 310 fis-subparagrafu (1)(b) u dan qabel ma gie emendat b'l-Att XXIV tas-sena 2014.

Illi dwar l-ammont ta' €410 jidher li hawn l-prosekuzzjoni qed tirreferi ghall-ammont li l-imputat allegatament zamm ghalih wara li zbanka, permezz tal-cashlink, il-flus li Borg kellu depozitati mal-Bank of Valletta. Din l-imputazzjoni hija bazata fuq l-asserzjoni li ghamel Borg li huwa kellu €800 depozitati u li l-imputat hadlu biss erbgha mija l-habs.

Illi f'dan ir-rigward l-ahjar prova ta' kemm kien hemm flus depozitati u x'kien l-ammont li zbanka l-imputat facilment setghet issir, u dan billi jitharrek rapprezentant tal-bank koncernat; din il-prova pero ma tressqitx; fin-nuqqas

taghha ma jistax jinghad li din il-hames imputazzjoni giet pruvata fil-grad rikjest mill-Ligi.

Ikkunisdrat

Illi permezz tas-sitt u seba’ imputazzjoni l-imputat qed jigi addebietat b’serq, aggravat bil-mezz, ta’ cheque; u frodi f’l-ammont ta’ €437.64.

Illi hawn il-prosekuzzjoni qed tallega li l-imputat seraq ic-cheque tar-relief ta’ Borg billi sgassa il-letter box u li l-imputat sarraf dan ic-cheque u ha l-flus hu a dannu ta’ Carmelo Borg.

Illi mill-provi processwali jirrizulta li Carmelo Schembri kien innota li l-letter box ta’ Borg kienet sgassata. L-istess  Schembri kien xehed ukoll li darba (wara li Borg kien inkariga lill-istess Schembri biex jibda johodlu hsieb il-posta) inzerta lill-imputat hemm ifittex il-posta ta’ Borg. Aktar minn hekk irrizulta li Rita Caruana kienet rat lill-imputat jiehu envelope mill-letter box ta’ Borg li fih kien jidher li hemm cheque.

Illi f’dawn ic-cirkostanzi l-Qorti hija sodisfatta li s-sitt imputazzjoni hija sodisfacjentement pruvata.

Illi l-istess ma jistax jinghad ghas-sebgha imputazzjoni ghaliex il-prosekuzzjoni ma gabet l-ebda prova dwar jekk ic-cheque misruq giex imsarraf u jekk iva, minn min.

Ikkunisdrat

Illi t-tmien imputazzjoni, dwar ricettazzjoni hija alternattiva ghall-imputazzjonijiet dwar serq li taghhom l-imputat qed jinstab hati; il-Qorti ghalhekk ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-imputazzjoni.

Ikkunisdrat

Illi hemm zewg imputazzjonijijet ohra migjuba kontra l-imputat: dik dwar ksur ta' probation u recidiva.

Illi l-Qorti pero ser ikollha tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tad-disgha imputazzjoni dedotta fic-citazzjoni, dik dwar ksur ta ordni ta' probation, u dan ghaliex fin-nota ta' rinviju ghal gudizzju l-Avukat Generali naqas li jikkwota l-artikoli relevanti.

Illi in atti hemm esebieta sentenza wahda, dik datata 8 ta' Marzu 2007, per mezz ta' liema wara li nstab hati tar-reati hemm indikati l-imputat tpogga taht ordni ta'probation.

Illi huwa ben stabbilit li ordni ta' probation m'ghandux jitqies bhala kundanna ai fini ta'l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 konsegwentement din l-ahhar imputazzjoni ma tistax tirrizulta.

Ikkunsdrat

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghom qed jinstab hati l-imputat, ic-cirkostanzi li fihom sehhew dawn ir-reati u l-fedina penali ta'l-imputat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tmien u d-disgha imputazzjonijiet, u fil-waqt li ma  ssibx lill-imputat hati ta’l-ewwel, il-hames, is-sebgha u l-ghaxar imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tilliberah minnhom, wara li rat l-artikoli 261(b)(c)(e)(g), 263, 264, 265, 267, 269(g), 271(g) u 293 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ssib lill-imputat hati tat-tieni imputazzjoni minghajr l-aggravju tal-valur mill-liema aggravju qed jigi liberat, tat-tielet imputazzjoni, tar-raba imputazzjoni, u tas-sitt imputazzjoni u taghhom tikkundannah sitta u ghoxrin (26) xahar prigunerija. Inoltre u b’applikazzoni ta’l-artikolu 533 tal-Kaptiolu 9 qed tordna lill-imputat biex ihallas lir-Registratur ta’ din il-Qorti is-somma ta’ €783.47 rapprezentanti spejjez rinkorsi mal-hatra ta’l-esperti.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------